MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 279/2005/1

**Nutar Mark Sammut**

**vs**

**Daphne Caruana Galizia u Stephen Calleja**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti fuq indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati fil-limiti tat-talba hemm interposta, senjatament:

1. “Illi thallas is-somma li dina l-qorti, ai termini ta’ l-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, joghgobha tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta inti permezz ta’ artikolu ppublikat fil-gurnal ‘The Malta Independent’ u ntitolat ‘Hey, baby, there is a pistol in my handbag’, datat 28 ta’ April tas-sena 2005, kopja annessa, ghamilt allegazzjoniijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur bil-ghan li tnaqqas jew ittellfu r-riputazzjoni tieghu, liema riputazzjoni l-attur ghandu kull jedd li jittutela skond il-ligi”;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata l-20 ta’ Lulju tas-sena 2005 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi l-artikolu de quo ma huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur;

2. Illi fl-artikolu msemmi hemm biss fatti li jigu ppruvati u kummenti li jikkonsistu f’fair comment dwar kwistjonijiet ta’ nteress pubbliku u kritika accettabbli f’socjeta’ demokratika, kemm that il-Ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Illi minn imkien mill-artikolu ma johrog l-animus iniuriandi rikjest mil-Ligi fil-konfront ta’ l-attur personalment;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat il-verbal taghha datat l-14 ta’ Marzu tas-sena 2007 li permezz tieghu gibdet l-attenzjoni tal-partijiet li fil-konfront tal-konvenut Stephen Calleja ma gie pprezentat l-ebda prova orali jew

dokumentata li permezz taghha setghet tigi determinata l-kwalifika tieghu kif allegata fl-okkju ta’ l-avviz promotur;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi *preliminarjament* ghandu jigi rilevat illi qabel ma tespandi fuq il-meritu veru u proprju tal-vertenza in dizamina, hi obbligata tindirizza s-segwenti zewg rizultanti:

1. Illi fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Marzu tas-sena 2007 ir-rapprezentant legali ta’ l-attur ghazel li jiffortifika l-argumentazzjoni orali tieghu billi jipprezenta zewg (2) dokumenti fl-atti odjerni kontenenti rappurtagg gurnalistiku ta’ decizjonijiet gudizzjarji hemm riferiti;

2. Illi kif jirrizulta mill-okkju determinanti tal-procedura odjerna l-att kostituttiv tieghu hu ndirizzat fil-konfront ta’ zewg (2) konvenuti, fejn wiehed minnhom, (Calleja), gie ndikat bhala editur tal-gurnal fejn gie ppubblikat l-artikolu in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel rizultanza indikata fit-taqsima precedenti ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi presumibilment l-intenzjoni wara l-prezentazzjoni tad-dokumenti de quo fl-atti odjerni hi dupplici u ammirevoli fis-sens li :

i. B’hekk jigi msahhah il-hsieb kif espost fit-trattazzjoni orali billi jidika l-orjentazzjoni generali li qrati, (f’dawn il-kazi, lokali), qed jiehdu f’kazijiet ta’ din in-natura;

ii. Allura jsahhah din l-indikazzjoni bi prova tangibbli, inkonfutabbli u rakkomandabbli billi tigi ndikata kazistika ricenti peress li *"argumentum ab auctoritate est fortissimum in legem"*;

2. Illi pero' jirrizulta li d-dokumentazzjoni li gietipprezentata ghall-iskrutinju tal-qorti ma huma xejn hlief rezokont gurnalistiku u allura l-attendibilita taghhom hi wahda ta' natura pjuttost prekarja;

3. Illi sortunatament ma gewx ipprezentati kopji ufficcjalment awtentikati tad-decizjonijiet originali, kif tenut;

4. Illi ghandu jkun pacifiku li tali prattika hi abborrenti u din il-qorti zgur mhix er tippresta l-imprimatur taghha fir-rigward;

5. Illi ghaldaqstant hu awspikat li kemm –il darba parti taghzel li ssostni t-tezi taghha permezz tal-kazistika ghanda taghmel dan billi tipproduci l-ahjar prova possibbli skond il-ligi u fl-ebda cirkostanza m'ghandu jinghazel dan il-metodu ripunjanti hawn riskontrat;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni rizultanza fuq indikata fit-taqsima ta' dik precedenti ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi ndirizzata fil-konfront ta' zewg konvenuti:

i. Daphne Caruana Galizia, li jirrizulta li hi l-awtrici ta' l-artikolu taht skrutinju, u

ii. Stephen Calleja li fl-okkju ta' l-avviz promotur gie ndikat bhala *"editur"*;

2. Illi in effetti din il-kwalifika partikolari tal-konvenut Calleja giet ukoll inkluza fl-okkju tan-nota ta' l-eccezzjonijiet in risposta ghall-avviz indikat fil-paragrafu precedenti, (ara fol 9);

3. Illi minn ezami dettaljat ta' l-atti processwali ma jirrizulta li saret l-ebda referenza ohra mill-attur fir-rigward tat-talba promotrici tieghu – hlief avvjament fin-notifika necessarja biex taghti lok ghal kontinwazzjoni tal-procedura;

4. Illi ghalhekk ghandu immedjatament jigi ribadit li in vista tal-fatt li l-attur naqas ghal kollox li jinvesti t-talba tieghu f'dan ir-rigward partikolari fil-konfront tal-konvenut Calleja, allura awtomatikament jiskattaw is-segwenti principji:

i. *"iudex iudicare debet secundium probata et alligata"*; u

ii. *"actore non probante, reus absolvitur";*

5. Illi mill-analizi ta' l-evidenza, kemm dik orali, kif ukoll dik dokumentarja, prodotta mill-attur, din il-qorti ssib li ma saret l-ebda referenza mill-istess attur rigwardanti l-kwalita' ta' "editur" tal-konvenut Calleja kif originarjament indikat fl-avviz promotur;

6. Illi effettivament dan il-konvenut partikolari jidher li stranament gie ghal kollox traskurat, minsi w injorat mill-attur fl-atti kollha ta' din il-procedura;

7. Illi ghalhekk jirrizulta li ma saret l-ebda prova fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-attur li fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' l-artikolu de quo, il-konvenut Calleja kellu l-kwalifika t'editur tal-gurnal fejn gie ppubblikat l-artikolu in dizamina kif indikat fl-okkju fl-avviz promotur;

8. Illi in vista tal-premess il-konvenut Calleja qieghed jigi *liberat mill-osservanza tal-gudizzju*, bl-ispejjez ta’ dan il-kap kontra l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont li l-procedura odjerna, nonostante l-elmenti mportanti involuti hi essenzjalment wahda ta’ natura sommarja, fil-*meritu*, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-lanjanza ta’ l-attur tirrigwarda artikolu miktub mill-konvenuta Caruana Galizia w ippubblikat fil-harga tat-28 t’April tas-sena 2005, tal-gurnal “The Malta Independent”;

2. Illi dan l-artikolu fuq indikat kien intitolat “Hey, baby, there is a pistol in my handbag” u kien jokkupa faccata intiera tal-gurnal de quo, senjatament il-pagina numru 6, (ara fol 2 u 3);

3. Illi rizultat ta’ dan l-attur hassu malafamat fit-termini ta’ l-artikolu 28 (1) tal-Kapitolu 248 billi jsostni li dan telliflu jew naqqasslu r-reputazzjoni tieghu, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-attur gie ndikat bhala kandidat tal-Partit Laburista li fil-kapacita’ tieghu ta’ nutar pubbliku li ppresieda fuq dak li gie bollat mill-artikolista konvenuta bhala assurdita’ xokkanti ta’ patt mal-poplu konkluz bejn rapprezentanti gholjin tal-Partit Laburista u tal-pubbliku Malti qabel l-elezzjoni tas-sena 2003;

a. Illi f’dan il-kuntest partikolari l-attur hassu malafamat peress illi l-artikolista emfasizzat l-“animus iniuriandi” taghha billi uzat terminologija negattiva u dispregjattiva kemm fil-konfront ta’ l-attur personali kif ukoll, fil-konfront tal-kwalita’ tieghu ta’ professjonist;

b. Illi l-attur isostni li d-dehra tieghu fil-fatti attakkati mill-artikolista konvenuta kienet biss dik ta' xhud tal-firem meta sehh l-skambju tad-dokumenti nvoluti u xejn aktar;

c. Illi ghalhekk il-vertenza lingwistika wzata mill-konvenuta de quo kienet intiza biss li tiddenegra lill-attur u tattakka r-reputazzjoni tieghu kemm personalment kif ukoll professjonalment;

ii. Illi l-awtrici konvenuta ssostni fl-artikolu taghha in dizamina li l-attur Sammut inqabad fl-ajruport ta' Malta jipprova jimbarka fuq ajruplan b'pistola fil-basket tieghu, biz-zieda ta' l-emfasi ulterjuri fejn tikkwota xi habiba taghha li tghid li ghallanqas, il-pistola ma' nstabitx fil-but;

a. Illi hawn hekk l-attur ihossu li kien serjament malafamat b'dan il-kliem ghaliex l-awtrici konvenuta bil-kliem taghha fuq sintetikament indikati ssostni li l-attur hawn kellu l-intenzjoni specifika kriminuza li jtella' pistola mieghu fuq ajruplan, (ara fol 21);

b. Illi din l-allegazzjoni li tidher bhala l-bazi kostanti ta' l-artikolu de quo, giet kategorikament michuda mill-attur, u jqis l-istess bhala l-allegazzjoni " … malafamanti u (li) ghamlitli l-hsara", (ara fol 17);

iii. Illi l-awtrici de quo tafferma li meta xi gurnalist cempel lill-attur dan ta' l-ahhar ikkonferma li kien l-istess attur li kien qieghed ikellmu fuq l-apparat telefoniku mobbli tieghu u li "iva, kien hu li kien qed igorr il-pistola fil-basket", (ara fol 2);

a. Illi f'dan ir-rigward l-attur jikkonferma li effettivament hu kien kellem xi gurnalist fir-rigward, u anke wiegeb xi domandi li sarulu, (ara fol 21A);

b. Illi pero' l-attur jelabora li waqt li kien qieghed iwiegeb it-telefonata in dizamina hu kien qed jigi sottopost ghal pressjoni ta' tfittxija mill-ufficcjali investigattivi li mmedjatament ordnawlu li ma jergax iwiegeb telefonati ohra;

iv. Illi r-raba' ilment ta' l-attur hu ndirizzat fid-direzzjoni tat-tielet paragrafu ta' l-ewwel kolonna ta' l-artikolu de quo fejn l-artikolista konvenuta filwaqt li ssaqsi lilha nnifisha ' mhux x'kien dak li ppossjedieh", (ovvjament lill-attur), "u jgorr pistola mieghu fil-basket u jtellaghha abbord, izda x'ippossjedieh", (lill-attur), li jazzarda jahseb li seta' jizgicca bla ma jinqabad?", (ara fol 2);

a. Illi hawn ukoll l-attur ihossu malafamat billi qed jigi imputat lilu intenzjoni specifika kriminuza li effettivament ried jintroduci pistola fuq ajruplan;

b. illi inoltre, l-faxxinu li l-awtrici konvenuta' ssostni li ghandha bl-injoranza palpabbli ta' l-attur, hu kliem li l-attur ihoss li jirrekalu dannu serju, aktar u aktar meta fid-data tal-pubblikazzjoni l-kaz in dizamina kien ghadu sub gudice, (ara fol 17);

v. Illi l-emfasi ripetittiv li permezz tieghu l-awtrici konvenuta tirrakma l-artikolu taghha inkriminat jirrizulta li hu fondat fuq fatt semplici li sehh fi ftit istanti u juri bi kjarezza l-animu malinn li l-istess awtrici konvenuta ghandha fil-konfront ta' l-attur;

a. Illi dan qed jigi sostnut mill-attur billi l-awtrici konvenuta timputa sottilment li l-istess attur Sammut ghandu sahansitra anke problemi ta' natura psikologika li ghandu jindirizza minnufih;

b. Illi allura l-istess attur ihoss li anke hawn gie malafamat grossolanament u jitlob rimedju peress li gew imputati lilu problemi li wkoll ma jirrizultawx li kienu debitament ippruvati skond il-ligi;

c. Illi di piu’ l-attakk kostanti verbali fil-konfront tal-psike ta’ l-attur jibqa’ ghaddej b’mod ripetittiv u b’aktar venemenza fil-paragrafu sussegwenti, (ara fol 3);

d. Illi din ir-robustezza kollha fl-argument tkompli tirrizulta assodata peress li l-awtrici konvenuta tkompli torbot l-affermazzjonijiet sottili taghha t’inkompetenza psikologika ta’ l-attur mar-relazzjoni familjari li l-istess attur ghandu ma’ persuna qrib il-Kap tal-Partit Laburista – persuni ghal kollox estranei ghall-fatti in dizamina;

e. Illi gie wkoll allegat b’enfasi ezagerat li l-istess attur azzarda volutament jghaddi pistola mill-mekkanizmu eletroniku fl-ajruport ghaliex kien ukoll konsapevoli mill-fatt li bil-konoxxenzi politici gholjin tieghu, maqghudin ma’ l-affiljazzjoni parentali fuq riferita, l-impjegati inkarigati mis-sikurezza fl-ajruport kellhom jistghagbu, jimmeraviljaw ruhhom bil-prezenza ta' l-attur, u jhalluh jghaddi b’impunita;

f. Illi l-attur isostni fid-depozizzjonijiet guramentati tieghu li xejn ma kien aktar ‘il boghod minn mohhu minn dak allegat mill-artikolista konvenuta;

g. Illi in effetti, l-attur isostni li tali affermazzjonijiet mhux biss huma ghal kollox bla bazi izda jikkostitwixxu tentattiv car u ripunjanti ta’ malafama indirizzata fil-konfront tieghu u ta' terzi innocenti intiza biss biex thassar u thammeg ir-reputazzjoni ta’ l-istess;

iii. Illi a skans ta' ripetizzjoni u dilungar inutili, u ghall-ekonomija tal-gudizzju, jinghad li l-artikolu in dizamina jkompli fl-istess vena fejn bl-iskuza ta' l-analizi gurnalistiku fil-mira ta' l-artikolista konvenuta mhux biss jispicca l-attur protagonist izda terzi injari li jigu attakkati intortament u shansitra toffri anke l-parir taghha mhux sollecitat fejn kandidati prospettivi tal-partit politiku li waqa' fil-mira taghha ghandhom jigu analizzati psikologikament qabel ma jipprezentaw ruhhom ghall-iskrutinju popolari;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess l-attur hass li ma kellux alternattiva hlief li jirrikorri lejn dan l-organu ta' l-istat biex jittutela r-reputazzjoni tieghu mill-assalt inkonsiderat, sproporzjonat w illegali ta' l-awtrici konvenuta, u dan ai termini ta' Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni ta' l-awtrici konvenuta tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament ghandu jinghad li ghalkemm l-eccezzjonijiet minnha pprezentati jindikaw erba' (4) kapi separati u distinti, effettivament jikkontjenu biss zewg (2) difizi stante li d-difizi sollevati gew ripetuti f' paragrafi separati u bi kliem differenti u jistghu sintetikament jigu indikati bil-mod segwenti:

i. Illi l-artikolu de quo mhux libelluz;

ii. Illi l-artikolu de quo jikkontjeni biss fatti u kummenti gusti fir-rigward ta' l-istess fatti esposti;

2. Illi mill-analizi tax-xhieda guramentata tal-konvenuta jirrizulta in oltre s-segwenti:

a. Illi l-vera vena ta’ l-artikolu de quo hi wahda ta’ natura umoristika, (ara fol 24), billi l-awtrici konvenuta ma setghetx tifhem kif wiehed seta’ jitla’ fuq ajruplan b’arma fuqu specjalment wara li s-sigurta’ fl-ajruport giet imsahha minhabba l-fatti notorji li sehhew fi New York;

b. Illi ghalhekk bl-ebda mod ma riedet tkun malafamanti u leziva r-reputazzjoni ta’ l-attur;

c. Illi l-attur hu persuna pubblika u kien kandidat ghall-Partit Laburista;

d. Illi l-konvenuta, bhala gurnalista, ghandha l-liberta’ li tikkummenta fuq kwalunkwe sitwazzjoni kif taraha hi, (ara fol 24);

e. Illi l-fatti gew ikkonfermati mill-Pulizija, (ara fol 24);

f. Illi l-analizi psikologiku minnha mitlub fl-artikolu de quo ghandu jitqies bhala wiehed indirizzat lill-kandidati kollha tal-Partit Laburusta peress li hi konoxxenti mill-fatt li f’dan ir-rigward il-Partit Nazzjonalista’ gia’ jefettwa dan it-tip t’ezami, (ara fol 25);

g. Illi l-vena tal-kumment indikat fil-paragrafu precedenti hu wiehed ta’ natura purament retorika, (ara fol 25);

h. Illi meta l-awtrici konvenuta giet mitluba tizvela l-fatti li fuqhom strahet ghall-finijiet ta’ l-artikolu de quo sostniet li ghalkemm ma kienux fil-pussess taghha meta giet hekk mistoqsija pero’, setghet tipproducihom f’udjenza ulterjuri;

i. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, l-vertenza in dizamina tipprezenta l-konflitt perenni bejn zewg drittijiet importanti li llum huma tassew assodati fil-kamp in dizamina, senjatament:

i.id-dritt tal-liberta' tal-kelma; u
ii.id-dritt tar-reputazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi d-dritt tal-liberta' tal-kelma, jew ta' l-espressjoni, hu llum wiehed li mhux biss jattira l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta, izda hu wiehed li wkoll hu rinforzat mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, liema konvenzjoni hi addirittura parti integrali mill-ordinament guridiku taghna;

Illi in effetti l-principju baziku ta' l-essenzjalita' ta' dan id-dritt f'socjeta' demokratika gie postulat bi precizjoni fil-kaz ta' *Handyside vs r-Renju Unit* (1976), meta l-Qorti ta' Strasburgu sostniet is-segwenti:

"Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of [a democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man … It is applicable not only to information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society'";

Ikkunsidrat:

Illi biex ghalhekk ikun jista' jintlahaq dan il-ghan nobbli li hu meqjus tant essenzjali, ghall-armonija socjali, jinhtieg li jkollna gurnali li tramite l-gurnalisti taghhom, jadoperaw l-isforzi taghhom mhux favur minn jalimenthom, izda biex jippubblikaw "informazzjoni" w "ideat" fuq kwalunkwe materja t'interess pubbliku ghaliex hu dan, u dan biss, li hu ghall-gid komuni;

Illi ghalhekk, f'kaz ta' konflitt, spetta ghall-ordni gudizzjarju indipendenti li ghandu l-oneru li jibbilancja, bi prudenza, b'ghaqal oggettiv u b'fermezz fejn mehtieg, l-interessi konfliggenti – f'dan il-kaz bejn l-attur li jirritjeni li kellu r-reputazzjoni tieghu aggredita, u l-awtrici konvenuta li qed tizbandjerixxi l-istandard tal-liberta' tal-kelma favur taghha;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in dizamina l-konvenuta qed tistrieh fuq id-difiza bi-polari tal-veridicita' tal-fatti allegati u tad-dritt konsegwenzjali ta' kull cittadin li allura ghandu d-dritt jikkummenta b'mod gust fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi kif gie ritenut fir-rigward fil-kaz Reginald Miller vs Harold Scorey, Volum XXXVI.IV.p.843:

" … il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il– 'comment' biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide', u ma jistax ikun 'fair u bona fide' jekk il-fatt attirbwit … ma jkunx veru";

Illi in vista tal-premess, it-tarka tal-kumment gust allura ghandu jkollha bhala l-unika bazi legittima taghha l-verdicita' tal-fatti allegati u dan, fil-kompletezza taghhom;

Illi konsegwentement ikun inutili li wiehed jinvoka din id-difiza partikolari statutorjament koncessa kemm –il darba ma jkunx assigura ruhu minn qabel li l-fatti li fuqhom jistriehu l-kummenti ppubblikati minnu ma kienux ipprovati fil-verdicita' insita w essenzjali taghhom;

Illi fin-nuqqas, l-eccezzjoni fuq indikata ma tistax lanqas biss tigi kkontemplata;

Ikkunsidrat;

Illi in oltre, kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bnieden fil-kaz *Bladet Tromso and Stensaas vs Norway*, ta' *l-20 ta' Mejju ta' l-1999:*

"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, … there is question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others" … By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on isues of general interest is subject to the proviso that they are in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism';

Ikkunsidrat:

Illi qieghed ghalhekk ribadit bi kjarezza li l-pozizzjoni legali vigenti kif riflessa mill-kazistika kostanti ta' dawn il-qrati, tirribadixxi li kull cittadin ghandu d-dritt li fuq materja t'interess pubbliku jikkummenta f' gurnal, u anke jekk jidhirlu, bi

frazarju vivaci jew addirittura b'mod ahrax u anke robust;

Illi pero', tenut kont tad-direzzjoni superjuri fuq indikata, din il-liberta' tal-kelma ma tistax tigi estiza ghall-liberta' tal-malafama;

Illi dan qed jigi ribadit b'certa emfasi peress li d-dritt tal-liberta' tal-kelma, kif fuq indikat, hu kontro-bilancjat mill-obbligi u mir-responsabbilitajiet hemm riferiti peress li f'socjeta' demokratika mhux accettabbli li fil-kitba tieghu wiehed jattribwixxi intenzjoni specifika kriminali lill-persuna li tinzerta fil-mira ta' l-artikolist effettivament ma jkollhiex;

Illi in effetti, l-keffa l-ohra tad-dritt in dizamina takkolji fiha d-dritt li kull persuna ghandha li ma tkunx offiza fl-unur, fir-reputazzjoni u fid-dinjita' taghha, kemm personali u professjonali, u min jattakka dan il-kumulu ta' gid morali b'attribuzzonijiet specifici jrid almenu jipprova l-attribuzzjonijiet specifici li jaghmel ghall-anqas sostanzjalment, u jipprova l-allegazzjonijiet tieghu biex b'hekk ikun jista' jehles mir-responsabbilitajiet tieghu quddiem il-ligi;

Illi in oltre, l-assorbiment ta' terzi innocenti fl-attakk sfrenat riskontrat hu ghal kollox gratuwitu u kontra l-etika gurnalistika u ghalhekk jimmerita d-disprezz tal-qarrej oggettiv u ekwilibrat, oltre ovjament ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

Illi in oltre tosserva wkoll li hi l-gurisprudenza illum pjuttost kostanti tal-qrati maltin, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, bhal dawk riskontrati fl-artikolu in dizamina ndirizzati fil-konfront ta' l-attur u fuq riferiti, allura l-"animus iniuriandi" huwa prezunt, (ara f'dan ir-rigward is-segwenti decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell: *L-Onor. Professur John Rizzo Naudi vs Felix Agius et* tas-

*27 ta' Gunju tas-sena 2003"; Avukat Dottor Louis Galea vs Frans Ghirxi et* ta' *l-24 ta' Settembru tas-sena 2004* u *Dr. Sandra Caruana sive Sladden vs Joe Mifsud* ukoll ta*' l-24 ta' Settembru tas-sena 2004;*

Illi in oltre ghandu jigi ribadit ukoll kif jghid il-Gatley: On Libel and Slander, Sweet & Maxwell (London), 1981, para.89, pp.45-46:

"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words are published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used'. 'it is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it";

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu ghalhekk jinghad li l-bazi tal-mizura li ghandha tittiehed biex tirrizolvi l-vertenza odjerna mhix allura dik soggettiva ta' l-artikolista li vvantat l-umorizmu u r-retorika bhala l-finalita' proprja ta' l-artikolu taghha;

Illi fil-fatt, ghalhekk ghandu mmedjatament jigi ribadit li l-intenzjoni soggettiva ta' l-artikolista' la hi ta' xi importanza u lanqas mhi ta' xi ghanjnuna ghar-rizoluzzjoni gusta tal-vertenza odjerna peress li kif gie ndikat aktar qabel, mhux rilevanti li wiehed jara x'kellu f'mohhu min kiteb l-artikolu malafamanti fil-gurnal;

Illi ghall-kuntrarju, li hu allura importanti fir-rigward hu li wiehed ghandu jipprova jiddixxerni dak li cittadin ta' intelligenza ordinarja u normali jifhem meta jaqra l-artikolu inkriminat;

Illi ghandu jinghad li effettivament fil-kaz in ezami fl-artikolu de quo kien hemm sottointiz aktar minn semplici umorizmu jew mera retorika;

Illi kif isostni l-Gately, (ibid, p. 138):

"The principle is clear, that a person shall not be allowed to murder another's reputation in jest. But if words be so spoken that it is obvious to every bystander that only jest is meant, no injury is done and consequently no action would lie, The whole question is, whether the jocularity was in the mind of the defendant alone of was shared by the bystanders";

Ikkunsidrat:

Illi in essenza l-fatti ezaminati riskontrati jindikaw li l-attur kien ghaddej minn perjodu xejn felici fejn hu u l-eghziez tieghu kienu qed jigu minaccati serjament tant li hass il-htiega li l-awto-protezzjoni;

Illi l-attribuzzjoni fattwali ta' l-awtrici konvenuta li l-attur kellu l-intenzjoni specifika li jitla' f'ajruplan meta kien konxju li fuqu kellu arma letali perikoluza ghalih u ghal terzi la giet minnha ipprovata u effettivament, nonostante l-eccezzjoni tal-konvenut gust, lanqas giet minnha indirizzata sante li ghazlet li tistrieh biss fuq rezakont gurnalistiku indipendenti minghajr ma vverifikatu fattwalment;

Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ma jirrizultax li kellu l-intenzjoni specifika li jaghmel dak lilu attribwit mill-artikolista konvenuta u allura, kwalunkwe kumment negattiv indirizzat minnha fil-konfront ta' l-attur f'dawn ic-cirkostanzi hu

ekwivalenti ghal ingurja malafamenti peress li hu priv mill-premessa logika necessarja li fuqha kellu jistrieh biex jigi sostanzjat;

Ikkunsidrat:

Illi alura, kemm l-allegazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll dawk il-kummenti naxxenti mill-istess incident w indirizzati mill-terzi injari li wkoll gew assorbiti fil-mira usa ta’ l-artikolista konvenuta, kollha jikkwalifikaw bhala kummenti ngusti, per konsegwenza malafamanti, u allura, jimmeritaw il-kundanna stabbilita mill-artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa, Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu sknd il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezjonijiet kollha tal-konvenuta, takkolji parzjalment it-talbiet attrici;

Ikkunsidrat;

Illi f’dan ir-rigward indikat fil-paragrafu precedenti din il-qorti tiehu l-opportunita’ tissottolinea li ghalkemm fl-avviz promotur l-attur jitlob kemm id-danni dwar telf jew hsara attwali lilu kkagunati, (“lucrum cessans”), kif ukoll somma ta’ mhux izjed mill-ammont indikat fl-istatut in dizamina bhala riparazzjoni ghall-lezjoni fir-reputazzjoni minnu sofferta, l-attur ghogbu jipprezenta evidenza biss rigwardanti t-tieni rimedju minnu mitlub u injora ghal kollox l-ewwel rimedju statutorjament koncess;

Illi ghalhekk, stante li l-allegat “lucrum cessans” ma giex ipprovat, tichad din il-parti tat-talba attrici, bl-ispejjez relattivi ta’ din il-parti ta’ dan il-kap kontra l-attur Sammut;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-sintesi fuq il-meritu suespost:

Tiddikjara li l-artikolu miktub mill-konvenuta Daphne Caruan aGalizia intitolat “Hey, baby, there is a pistol in my handbag” ippubbblikat fil-harga tat-28 t’April tas-sena 2005 fil-gurnal “The Malta Independent” hu effettivament malafmanti fil-konfront ta’ l-attur in-Nutar Mark Sammut billi jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi biex allura tkun tista’ tghaddi ghall-parti successiva tal-vertenza in dizamina u tiddeciedi kif statutorjament mitluba biex taghti lill-persuna offiza somma ta’ mhux aktar mill-limitu statutorjament prefiss biex tirripristina d-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni ta’ l-attur, taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet *Vincent Borg vs Victor Camilleri et* datata l-*15 ta’ Novembru ta’ l-1994* fejn gie ritenut is-segwenti:

“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta’ danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta’ l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b’limitu ta’ LM2,000.00,0”, (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont ta’ hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Illi biex il-qorti tkun tista’ tafferma r-ragonevolezza retta ta’ dan l-ezercizzju tissollecita s-segwenti;

1. Illi l-premessa principali li kienet il-bazi li fuqha l-artikolista konvenuta ikkostruwiet l-artikolu taghha kollu fuqha semplicement ma rrizultatx;

2. Illi lanqas ma rrizulta li l-artikolista konvenuta effettwat xi ricerka personali approfondita qabel m’ghaddiet ghall-

pubblikazzjoni u ghazlet minflok li tipprecipita ghall-pubblikazzjoni konfortata biss minn allegazzjonijiet mhux verifikati ta' terzi;

3. Illi l-attur mhux kandidat mal-Partit Laburista;

4. Illi l-attur hu nutar pubbliku;

5. Illi l-attur kien biss xhud tal-firem fl-hekk imsejjah "Patt mal-Poplu";

6. Illi kemm il-Partit Laburista, kif ukoll min imexxi l-istess partit u missier l-istess attur jirrizultaw ghal kollox estranei ghall-gist tal-fatti allegati fl-artikolu in dizamina;

7. Illi finalment ghandu jinghad li l-istess artikolista konvenuta sostniet li l-intenzjoni soggettiva taghha meta kitbet l-artikolu de quo kienet biss wahda umoristika u retorika;

Ikkunsidrat:

Illi limitatament ghal din il-fazi tal-procedura fejn issa qighedin jigu analizzati cirkostanzi partikolari biex jigi determinat il-kumpens li din il-qorti tikkonsidra gustifikat, ghandu jinghad li c-cirkostanza numru seba' (7) fuq indikata qed titi debitament konsiderata bhala wahda ta' natura mitiganti – u dan, minghajr ma jnaqqas xejn minn dak precedentement ribadit li fil-meritu tali soggettivita' ma tikkostitwix difiza fil-konfront tal-malafama;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess:

Tikkundanna lill-konvenuta Daphne Caruana Galizia biex thallas lill-attur Nutar Mark Anthony

Sammut l-ammont ta' hames mitt Lira Maltin, (Lm500.00,0);

Ikkunsidrat:

Illi finalment tirrileva li t-talba attrici ma taghmel l-ebda accenn jew referenza ghall-kap ta' l-ispejjez ta' din il-procedura li din il-qorti hi wkoll tenuta li tiehu in konsiderazzjoni;

Illi ghalhekk din il-qorti hi kostretta taghmel referenza ghall-artikolu 177 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jghid:

"Il-klawsola bl-ispejjez titqies dejjem bhala mdahhla f'kull skrittura li fiha jistghu jintalbu l-ispejjez";

Illi in vista tal-premess din it-talba qieghda allura tigi presunta li saret mill-attur stante li l-att promotur tal-procedura odjerna hu wiehed li jinkwadra f'din il-kategorija;

Illi in vista tar-rizultanzi fuq esposti, taqta' w tiddeciedi li din il-parti tal-kap ta' l-ispejjez ghandha tigi saldata mill-imsemmija konvenuta."

L-appell tal-konvenuta Daphne Caruana Galizia fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu minnha arginat bil-mod segwenti:

(i) Hu fatt notorju li l-attur inqabad ghaddej mill-kontrolli tas-sigurta` ta' l-ajruport ta' Malta b' pistola fil-basket tieghu;

(ii) Din l-informazzjoni kienet ta' interess pubbliku, accentwata mill-fatt li l-appellat hu Nutar Pubbliku u figura politika maghrufa, kandidat ta' partit politiku fl-ahhar elezzjoni generali;

(iii) Il-kummenti taghha saru in bwona fede u ma pprovatx tattribwixxi intenzjoni specifika kriminali fl-attur;

(iv) *Ergo,* ma kienx hemm ebda ingurja malafamanti ghaliex kull ma jirrizulta "huwa kumment/opinjoni dwar il-kaz, miktub bi stil distint tal-konvenuta, stil retoriku b' element ta' satira li kull min jaqra lill-awtrici jaf ben tajjeb". Fuq dan tissokta tamplifika illi hi maghrufa ghall-istil taghha u li fl-opinjonijiet u kummenti taghha taf tkun diretta, umoristika u retorika. Konsegwentement, tikkonkludi illi zgur li anke cittadin ta' intelligenza ordinarja meta jaqra t-titolu ta' l-artikolu u l-kontenut tieghu jinduna bit-ton sarkastiku u umoristiku tieghu;

(v) Hi, imbaghad, tappella ghad-dritt taghha tal-liberta` ta' l-espressjoni kif iggarantita lilha mil-ligijiet;

Hu opportun illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tinvesti l-punti sottomessi mill-appellanti, kif hawn fuq esposti, taghmel is-segwenti premessi preliminari:

(i) Il-ligijiet jaffermaw b' rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fiha jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela, b' fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. *Pari passu* ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fondamentali;

(2) Naturalment, l-ezercizzju ta' dan l-ahhar imsemmi dritt ma ghandux jitqies bhala xi brevett li wiehed jikteb li jrid fuq dak li jkun. Effettivament kemm id-duttrina legali, kif ukoll il-gurisprudenza, jimponu certi kondizzjonijiet, ahjar illustrati fis-silta li ssegwi mehuda mid-decizjoni tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** tat-**13 ta' Frar, 2002, Numru 2066**:-

"*Affinche la divulgazione a mezzo stampa di notizie lesive all' onore, alla reputazione o della riservatezze di*

*terzi possa considerarsi lecito esercizio di diritto di cronaca, devono ricorrere le seguenti condizioni: (i) la verita` dei fatti esposti, che possa essere oggettiva o anche soltanto putativa, purche frutto di un serio e diligente lavoro di ricerca, e che è esclusa quando vengano riferiti fatti veri, ma incompleti;*

*(ii) l' interesse pubblico alla conoscenza del fatto oggetto della cronaca (cosi detta, pertinenza);*

*(iii) la correttezza dell' esposizione (cosi detta, continenza)*";

Fuq dan l-ahhar punt l-istess decizjoni tissokta tenuncja illi "*quest' ultima condizione va intesa sia come correttezza formale, sia come limite sostanziale, individuabile in cio che è strettamente necessario per soddisfare l' interesse generale alla conoscenza di determinati fatti di rilievo sociale, e che va accertato in base ad un' indagine orientata verso il risultato finale della comunicazione e vertente imprescindibilmente, in particolare, sui seguenti elementi: 1) accostamento di notizie, quando esso sia dotato di autonoma attitudine diffamatoria; 2) accorpamento di notizie che produca un' espansione di significati; 3) uso di determinate espressioni nella consapevolezza che il pubblico le intenderà in maniera diversa o addirittura contraria al loro significato letterale; 4) tono complessivo della notizia e titolazione.*";

Mill-qari ta' l-artikolu ikkontestat mill-attur jistghu jigu delinejati dawn l-aspetti rilevanti tieghu:-

(i) L-artikolista titlaq mill-premessa illi l-attur huwa Nutar, u kandidat laburista "*who presided over that silly patt mal-poplu charade before the last election*";

(ii) Li kien inqabad fl-ajruport "*trying to board a plane with a pistol in his handbag*";

(iii) Li dan seta' jghaddiha lixxa ghaliex hu kien min kien, "*a very important person, son of Alfred Sant's consultant Frans Sammut and a Labour Party candidate*";

(iv) L-artikolista ghaddiet imbaghad biex tissuggerixxi illi "*the Labour Party puts its prospective candidates through a rigorous psychological testing*

*process before it accepts them*". F' dan il-kuntest iddeffess ukoll il-kaz tal-"*former candidate*" ta' l-istess Partit, in-Nutar Sandro Schembri Adami;

(v) Tissokta tghid li l-presenza ta' l-attur fl-okkazjoni ta' l-iffirmar tal-patt mal-poplu induciha "*to snort with derision*" ghax fi kliemha stess "*what kind of serious notary behaves like that, putting his name and signature as witness to a pact that has no significance at law? What was he doing, using his professional status to land weight and credence (which it did not, at all) to a sick charade? That was not a good sign. Next thing we know, he is fetching up at the airport with a pistol in his bag*";

Fermi dawn l-aspetti saljenti, skond l-appellanti "il-mertu ta' l-artikolu kien suppost wiehed tad-dahk" u li hi kitbitu fis-sens li ghandha l-liberta` li tikkummenta fuq is-sitwazzjoni kif ratha hi. (Ara deposizzjoni taghha a fol. 24 tal-process). Tali hu f' certu sens in sintonija mas-sottomissjonijiet maghmula fil-korp ta' l-appell bir-rikorrenza li l-appellanti taghmel, b' emfasi, ghal dak li hu l-istil tal-kitba taghha;

Issa skond gurisprudenza pacifika s-sinjifikat u l-portata tal-kliem ma ghandhomx jitqiesu bhala dawk moghtija minn min kitibhom, imma minn persuna ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu in kwestjoni (**Kollez. Vol. XLII P IV p 1526**). Li jfisser, li l-gudikant ghandu jara x' jifhem ragonevolment fil-kliem uzati qarrej ta' intelligenza ordinarja (**Kollez. Vol. XLIX P II p 970**). Fih innifsu l-istil, anke umoristiku, ma jistax iservi ta' xi paraventu effettiv jekk jinstab li l-kliem jimplikaw gudizzju ta' dizvalur fuq ir-reputazzjoni u l-prestigju professjonali tal-persuna li fil-konfront taghha l-kumment jew il-kritika huma rivolti;

Kif taraha din il-Qorti, fuq l-ezami akkurat taghha ta' l-artikolu in kwestjoni, l-appellanti, ankorke l-informazzjoni kienet ta' interess pubbliku u l-fatt in parte kien korrispondenti ghal verita`, ma zammetx ruhha, taht il-profil sostanzjali, fil-qafas ta' dawk il-limiti strettament

necessarji ghal dak li s-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tirreferi bhala “*continenza*” u ghall-appagament ta’ l-interess pubbliku. Hi, invece, taghmel bosta insinwazzjonijiet fuq il-kondotta ta’ l-appellat anke fil-qasam tal-professjoni tieghu u torbot avvenimenti, anke jekk distakkatti minn xulxin, biex tillustra u taghti risalt, b’ mod denigranti, l-unur u r-reputazzjoni tieghu. Hekk, l-appellanti insinwat illi l-attur seta’ kellu intenzjoni mhux ghal kollox lecita li jtella’ arma abbord l-ajruplan, li seta’ kien affett minn disturb psikologiku u li ma kienx “*a serious notary*” la ha sehem f’ “*sick charade*”. Anke ghall-qarrej ordinarju l-percezzjoni hi li l-kliem, ukoll “*in their natural and ordinary meaning*”, huma wisq diffamatorji biex jigu akkordati l-interpretazzjoni umoristika prospetta mill-appellanti. Jispjega l-**Gatley** (“**On Libel and Slander**”, Seventh Edition, para 103): “*It is immaterial whether the imputation is conveyed by words of assertion or suggestion, or by words used in a declarative or interrogative form. A defendant is liable for insinuation as well as for explicit statement, for insinuation may be as defamatory as direct assertion and even more mischievous. The tendency and effect of the language, not its form, is the criterion. A defendant cannot defame and escape the consequences by any dexterity of style*”. Sa fejn hu maghruf ma jezisti ebda provvediment f’ ebda ligi, kompriza l-Konvenzjoni Ewropeja, u l-ebda kazistika ta’ dehen li tikkondona, taht l-iskuzanti ta’ certu stil jew kitba, l-uzu, imqar b’ cajta, minn xi artikolist, anke ta’ kalibru, ta’ kliem jew espressjonijiet offensivi sempliciment in omagg ghal manifestazzjoni libera tal-hsieb. Dan aktar u aktar fejn, bhal f’ dan il-kaz, l-informazzjoni divulgata tal-fatt *ut sic* tinsab akkompanjata minn informazzjonijiet ohra kkummentati, bla ebda utilita` ghall-ahjar komprensjoni ta’ l-informazzjoni jekk mhux biex tinferixxi b’ mod ripunjanti fuq il-karattru ta’ l-appellat, u l-ghazliet tal-prestazzjonijiet professjonali tieghu lil certu partit politiku.

Ghal dawn il-motivi, u dawk tal-motivi l-ohra raggunti mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------